DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/322

tat-2 ta' Marzu 2018

dwar is-sospensjoni tal-proċedura ta' eżaminazzjoni dwar ostakli għall-kummerċ li tikkonsisti f'miżuri adottati mir-Repubblika tat-Turkija li jaffettwaw il-kummerċ ta' karta ħielsa mill-injam mhux miksija

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (UE) 2015/1843 tas-6 ta' Ottubru 2015 li jistabbilixxi l-proċeduri tal-Unjoni fil-qasam tal-politika kummerċjali komuni sabiex jiżgura l-eżerċizzju tad-drittijiet tal-Unjoni skont ir-regoli internazzjonali tal-kummerċ, b'mod partikolari dawk stabbiliti taħt l-awspiċji tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ ([1]) (ir-Regolament dwar l-Ostakoli għall-Kummerċ), u b'mod partikolari l-Artikolu 12(2) tiegħu,

Wara konsultazzjoni mal-Kumitat dwar l-Ostakli għall-Kummerċ,

Billi:

(1) Fil-21 ta' April 2017, il-Konfederazzjoni tal-Industriji tal-Karta Ewropej ("CEPI") ippreżentaw ilment f'isem l-industrija tal-karta tal-Unjoni skont l-Artikolu 3 tar-Regolament dwar l-Ostakli għall-Kummerċ.

(2) CEPI sostniet li r-Repubblika tat-Turkija introduċiet fit-28 ta' Settembru 2015 sistema ta' sorveljanza tal-importazzjoni għal karta ħielsa mill-injam mhux miksija, li tinkludi rekwiżit ta' liċenzja ta' importazzjoni speċifika, trendi impossibbli l-importazzjoni taħt ċertu valur ta' limitu u toħloq ostakli għall-kummerċ tal-importazzjoni 'l fuq minn dak il-valur ta' limitu.

(3) Il-Kummissjoni ddeċidiet li l-ilment kien fih biżżejjed evidenza sabiex jiġġustifika l-bidu ta' proċedura ta' eżami. Avviż ta' Ftuħ ta' proċedura ta' eżami kien għalhekk ippubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fis-7 ta' Lulju 2017 ([2]).

(4) Matul l-investigazzjoni, ir-Repubblika tat-Turkija rrevokat l-applikazzjoni tas-sistema ta' sorveljanza tal-importazzjoni fir-rigward ta' karta ħielsa mill-injam mhux miksija.

(5) Minkejja r-revokazzjoni tal-miżura li tissuġġetta karta ħielsa mill-injam mhux miksija għas-sistema ta' sorveljanza, is-sistema ta' sorveljanza tkompli teżisti u tista' terġa' tiġi introdotta għal karta ħielsa mill-injam mhux miksija. Il-Kummissjoni tqis, għalhekk, li huwa xieraq li l-proċedura ma tiġix terminata iżda sospiża.

(6) Il-Kummissjoni se ssegwi s-sitwazzjoni.

(7) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat tal-Ostakoli Kummerċjali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-proċedura ta' eżaminazzjoni li tikkonċerna l-ostakli għall-kummerċ, li tikkonsisti f'miżuri adottati mir-Repubblika tat-Turkija li jaffettwaw karta ħielsa mill-injam mhux miksija, hija b'dan sospiża.

([1]) ĠU L 272, 16.10.2015, p. 1.
([2]) ĠU C 218, 7.7.2017, p. 20.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-20 jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Marzu 2018.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER